MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2009

Numru. 170/2005

**Pulizija**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**vs**

**Albert Camenzuli**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Albert Camenzuli, iben Lawrence u Theresa nee' Monreal, imwieled Pieta nhar il-5 ta' Dicembru 1979 u residenti 141, Triq l-Ghasel, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita numru 568479(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fid-29 ta' Novembru 2004 ghall-habta tas-7.30 p.m. gewwa Triq Cikku Bonaci Birkirkara u f'dawn il-gzejjer :

(1) Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, vettura DNL 159 ghad-dannu ta’ Daniel Vella, liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira Maltin, imma tkun izjed minn LM 50 u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) Kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta ta’ nhar il-24 ta’ Settembru 2003, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Frar 2005 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta’ Mejju 2005 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda hsara volontarja allegatament kawzata fid-29 ta’ Novembru 2004 ghall-habta tas-7.30pm fi Triq Cikku Bonaci, B’Kara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DNL 159 ghad-dannu ta’ Daniel Vella. Mill-provi rrizulta li fl-imsemmija data il-Pulizija rceviet rapport f’dan is-sens minghand Daniel Vella fejn huwa qal li waqt li l-vettura tieghu kienet parkeggjata barra r-residenza tieghu u kien qed jittawwal barra ra lill-imputat qed jigriflu l-vettura.

Daniel Vella li xehed fl-udjenza tas-6 ta’ Ottubru 2005 spjega li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien ipparkeggja l-vettura tieghu tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni DNL 159 fid-drive in tar-residenza tieghu ghall-habta tas-7.15pm u kien halliha fid-drive in ghaliex kien jaf li ser jerga’ johrog ftit tal-hin wara. Dan ix-xhud spjega li wara madwar hames minuti rega’ hareg mid-dar

u mar hdejn il-vettura tieghu u waqt li kien qed jiftah il-vettura bic-cavetta ra lill-imputat ma' genb il-vettura jaghmel moviment ta' grif mal-vettura u malli rah dan inhasad u telaq jigri. Daniel Vella jghid li meta hares lejn il-vettura tieghu u ra l-grif huwa mar wara Camenzuli u rah jitlaq minn fuq il-post bil-vettura tieghu. Vella spjega li l-hsara fil-vettura kienet tikkonsisti fi grif fuq il-genb tax-xellug kif ukoll fis-saqaf u jghid li huwa hallas Lm170.00 sabiex tissewwa l-hsara. Dan ix-xhud spjega wkoll li huwa kien sar habib tal-imputat ghaliex it-tfajliet rispettivi taghhom kienu hbieb izda fl-ahhar xhur qabel l-incident kienu inqatghu minn xulxin u nqala' xi disgwid bejniethom.

L-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija (inserita a fol. 14 sa 16 tal-atti processwali) kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-21 ta' Gunju 2006, dejjem innega li kien qieghed hdejn id-dar ta' Daniel Vella fid-data u l-hin in kwistjoni jew li kien ikkawza hsara fil-vettura tal-imsemmi Daniel Vella. L-imputat fil-fatt spjega li fid-data in kwistjoni huwa kien telaq mill-Mellieha akkompanjat mit-tfajla tieghu Sue Ellen Vella ghall-habta tas-6.15pm u huma marru jigbru habiba taghhom, Daniela Galea Soler, mill-Universita' u mbaghad baqghu sejrin G'Mangia ghand hanut li jbiegh accessorji tal-karozzi ghaliex Daniela Galea Soler kienet talbet l-assistenza tal-imputat sabiex taghzel speakers ghall-vettura tal-boyfriend taghha. L-imputat jghid li waslu f'dan il-hanut ghall-habta tas-7.05pm fejn inxtraw l-ispeakers minn Galea Soler u fejn l-imputat xtara part zghira ghall-vettura tieghu. L-imputat jghid li huma telqu minn dan il-hanut ghall-habta tas-7.30pm, waslu lil Daniela Galea Soler id-dar taghha San Gwann u mbaghad saqu lejn il-Mellieha billi ghaddew minn San Gwann u n-Naxxar u s-Salini. L-imputat kompla jispjega li meta wasal hdejn ir-roundabout ta' San Pawl il-Bahar cemplulu mill-Ghassa ta' B'Kara u qalulu li riedu jkellmuh u meta mar l-Ghassa dak il-hin stess qalulu dwar ir-rapport li kien sar minn Daniel Vella fil-konfronti tieghu. L-imputat prezenta l-ircevuta tal-part li kien xtara minghand il-hanut minn G'Mangia (esebita a fol. 45 fejn hemm indikati l-hin u d-data (29.11.04 19.31).L-imputat ghalhekk dejjem sostna li huwa ma kienx ikkawza il-hsara

fil-vettura tal-kwerelant u spjega fil-hin indikat minn Daniel Vella huwa fil-fatt kien x’imkien iehor.

Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat giet pjenament korroborata minn Daniela Galea Soler li xehdet fl-udjenza tal-21 ta’ Gunju 2006 u minn Sue Ellen Vella li xehdet fl-udjenza tal-15 ta’ Marzu 2007 fis-sens li dawn iz-zewg xhieda t-tnejn ikkonfermaw li fil-hin li l-kwerelant Daniel Vella qed jallega li ra lill-imputat qed jigriflu l-karozza f’B’kara l-imputat fil-fatt kien band’ohra maghhom. Joe Vella l-propjetarju tal-hanut minn fejn l-imputat xtara il-part ghall-vettura tieghu ukoll xehed f’dawn il-proceduri u kkonferma li l-ircevuta esebita mill-imputat giet rilaxxjata mill-cash register tal-hanut propjeta’ tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li fliet bir-reqqa il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f’dan il-kaz il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza u cioe’ li f’dan il-kaz jezisti kunflitt car ta’ provi. Filwaqt li l-verzjoni tal-fatti moghtjia mill-imputat hija korroborata minn tlett xhieda u anki minn prova dokumentarja, dik moghtija mill-kwerelant Daniel Vella hija kemm xejn nebuluza. Mill-okkorenza esebita a fol. 26 sa 29 tal-process jirrizulta li r-rapport dwar l-incident de quo sar fil-19.40 u l-kwerelant indika l-hin li fih ra lill-imputat jigref il-vettura tieghu bhala 19.20 sa 19.30. Il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li fil-hin indikat mill-kwerelant huwa kien qieghed fil-hanut G’Mangia u ghalhekk ma setghax kien B’Kara quddiem ir-residenza tal-kwerelant kif qed jallega dan tal-ahhar. Izda l-aktar haga li idghajjef il-kredibilta’ tal-kwerelant huwa dak indikat fl-okkorrenza fejn gie indikat li huwa qal lil Pulizija li ommu Joan Vella kienet rat lill-imputat hdejn il-vettura tieghu u hija griet wara binha sabiex twaqfu milli jkompli jsegwi lill-imputat izda mbaghad hemm ukoll indikat li ghalkemm din Joan Vella ghall-ewwel ikkonfermat dak li kien qal binha, ftit tal-hin wara regghat marret l-Ghassa u specifikat li hija fil-fatt ma kinitx rat lill-imputat fl-inhawi tar-residenza taghha u spjegat li inizjalment kient qalet li rat lill-imputat hdejn ir-residenza taghha sabiex tikkalma lil binha.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti tal-imputat ma jirrizultawx pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati ta’ dawn l-akkuzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------